**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 23 ta' Frar 2021

Rikors Numru: 164/2018 AL

**A B**

**vs**

**C B f'isimha propju u bhala kuratrici ta' uliedha D B, E B, F B u G B, u**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur,[1] li permezz tiegħu ppremetta:

*Illi r-rikorrent u l-konvenuta C B zzewgu nhar is-seba' u ghoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (27.02.2010) hekk kif jidher fic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A, u matul iz-zwieg taghhom, propju nhar l-Gimgha hamsa*

[1] Fol. 1 – 16.

*ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (05.03.2010) twieled l-ewwel wild D B u dan kif jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid mmarkat Dok. B, nhar il-Hamis tmienja u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (28.07.2011) twieled E B u dan kif jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid mmarkat Dok C, nhar il-Gimgha erba' u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (24.10.2014) twieldu it-tewmien F u G B u dank if jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid mmarkati Dok D u Dok E rispettivament;*

*Illi l-partijiet infirdu u bdew jghixu hajja totalment separata minn xulxin ftit xhur wara twieled tal-ewwel wild, D B;*

*Illi effettivament meta gew ikkoncepiti l-minuri E B u it-tewmin F u G B, il-partijiet diga' kienu jghixu hajja totalment separate minn xulxin; madanakollu r-rikorrent gie mnizzel bhala l-missier bijologiku tal-imsemmijin E B u t-tewmin F u G B, u dana stante illi effettivament il-partijiet kienu ghadhom ma sseparawx legalment;*

*Illi l-partijiet xtaqu jissanaw il-posizzjoni taghhom u jevitaw kull dubju;*

*Illi kien ghalhekk illi huwa, flimkien ma' martu u l-erbgha minuri, ssottomettew rwiehhm ghat-testijiet genetici, li effettivament ikkjarifikaw il-fatti cioe' li tlett minuri minn erbgha m'humiex l-ulied bijologici tal-esponent u dan skont rapport hawn annessi u mmarkati Dok F, G, H, u I rispettivament;*

*Illi entrambi l-partijiet issa ikkonfermaw li l-minuri E B u it-tewmin F u G B mhux ulied ir-rikorrenti;*

*Illi ghalhekk jehtieg illi jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikati tat-twelid tal-minuri E B, F B u G B liema certifikati gew rregistrati mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;*

*Tghid ghalhekk l-intimata, għaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti mhux il-missier naturali u bijologiku tal-minuri E B li twieled nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (28.07.2011), u F B u G B li twieldu nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (24.10.2014).*
2. *Konsegwentament tordna li jithassru d-dettalji tar-rikorrent mil-kolonna "isem u konjom u post tat-twelid tal-missier" mic-certifikat tat-twelid tal-minuri E B, F B u G B u jigu sostitwiti bil-kliem, "missier mhux maghruf";*

3. *Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fl-istess certifikati tat-twelid tal-minuri u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;*
4. *Tordna lill-intimat Dirttur tar-Registru Pubbliku, jekk ikun il-kaz, il-korrezzjoni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghall-imsemmi certifikat tat-twelid;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ingunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[2] fejn eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta għadu ma bediex jiddikorri;*

2. *Illi bla preġudizzju għall-premess, l-esponent jeċepixxi illi l-minuri D B hekk kif rappreżentat minn ommu, ma għandux l-interess ġuridiku neċessarju f'din l-azzjoni;*

3. *Illi bla ħsara għas-suespost u in vena preliminari ukoll, l-esponent jeċċepixxi illi l-attur ma ddikjarax taħt liema artikolu huwa qed isejjes din l-azzjoni. Għaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-attur għandu jiddikjara tali artikolu, salv pero' li l-istess esponent jirriserva d-dritt tiegħu sabiex jekk ikun il-każ jissolleva eċċezzjonijiet ulterjuri;*

4. *Illi stante t-tlett minuri ġew mnissla u mwieleda fiż-żwieġ, l-esponent jeċċepixxi ukoll illi għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lil esponent jidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtiega ai termini tal-liġi. It-terminu stabbilit mil-liġi nostrana għadda u għaldaqstant, f'dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk l-attur ġiex awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jipproċedi b'din il-kawża istanti – u fin-nuqqas ta' dan, f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju, l-attur għandha tirregola l-pożizzjoni tagħha immedjatament;*

[2] Fol. 24 – 26.

5. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jistqarr li m'huwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;*

6. *Illi bla ħsara għal premess u fil-mertu, l-attur jeħtieġlu primarjament jipprova u jissodisfa minn talanqas waħda mir-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 70 sub-inċiż 1 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal dan il-għan, jidher illi l-attur esebixxa kopji tar-rapporti tat-testijiet ġenetiċi tat-tlett minuri, ossia E, F u G, aħwa B, liema rapporti juru illi l-attur ma huwiex il-missier naturali. F'dan l-istadju għaldaqstant jonqos illi dawn l-imsemmija rapporti tat-testijiet ġenetiċi jiġu maħlufa mit-tekniku;*

7. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, l-attur irid fl-istess waqt jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa tramite l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċiment juri li l-pussess ta' stat tal-minuri E, F u G, aħwa B, ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħhom;*

8. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandhom jassumu l-minuri u dan a tenur tal-Artikolu 92 sub-inċiż 6 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

9. *Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm, għandhom jiġu kanċellati mill-Atti tat-Twelid tal-minuri;*

10. *Illi finalment, l-esponent dejjem mingħajr preġudizzju għas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' għaġir tal-esponent u għaldaqstant huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

11. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta C B,[3] fejn eċċepixxiet:

1. *Illi l-eċċipjent tikkonferma li miz-zwieg tnissel D B li twieled nhar il-5 ta' Marzu tas-sena 2010 u li ftit tax-xhur wara mit-twelid tieghu, il-partijiet infirdu u bdew jghixu hajja totalment separate inn xulxin ftit wara li twieled l-ewwel wild D B. Dan gie kkonfermat ukoll permezz tat-testijiet ġenetiċi pprezentati mill-attur;*

2. *Illi l-konvenut tikkonferma li l-minuri E B li twieled nhar it-28 ta' Lulju tas-sena 2011 kif ukoll it-tewmin F B u G B li t-tnejn li huma twieldu nhar il-24 ta' Ottubru tas-sena 2014 ma gewx ikkonceputi fiz-zwieg dan ghaliex il-partijiet kienu ilhom tmien snin jghixu hajja separate de facto;*

3. *Illi l-konvenut tikkonferma anke kif gie xjentifikamemt provat fit-testijiet ġenetiċi illi ġew ipprezentati mill-attur, illi l-fustani jiġifieri E B kif ukoll it-tewmin F B u G B mhumiex ulied l-attur A B;*

4. *Illi l-intimat ma ssib l-ebda oġġezzjoni ghat-talbiet li saru fir-Rikors Ġuramentat Nru.1417, u li għalhekk għandhom isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikati tat-twelid tal-minuri E B, F B u G B, liema ċertifikati ġew irreġistrati mill-konvenut DDiretur tar-Reġistru Pubbliku;*

*U għaldaqstant, l-intimata mhi qed issib l-ebda oġġezzjoni għat-talbiet kollha li saru fir-Rikors Ġuramentat 1417.*

*Bl-ispejjez u bl-interessi legali.*

Rat il-lista tax-xhieda ta' C B;

Rat l-Att tat-Twelid tal-minuri E B bin-numru progressiv 2790 tas-sena 2011;[4]

Rat l-Att tat-Twelid tal-minuri F B bin-numru progressiv 5366 tas-sena 2014;[5]

Rat l-Att tat-Twelid tal-minuri G B bin-numru progressiv 5365 tas-sena 2014;[6]

Rat l-affidavit tal-attur A B;[7]

---

[3] Fol. 32 – 33.
[4] Fol. 6.
[5] Fol. 7
[6] Fol. 8.
[7] Fol. 30.

Rat in-Nota tal-attur A B ta' nhar il-4 ta' Lulju 2019;[8]

Rat l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar li miegħu hemm anness ir-rapporti xjentifiċi tad-DNA minnha stess redatti fir-rigward tal-minuri D, E, F u G, aħwa B;[9]

Rat in-Nota tal-attur A B ta' nhar il-25 ta' Frar 2020, permezz ta' liema ċeda l-kawza limitatament għal dak li jirrigwarda lil minuri D B kif rapprezentat minn C B;[10]

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. *L-Azzjoni Odjerna:*

Il-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mir-rikorrent għaċ-ċaħda tal-paternita' tiegħu versu l-minuri E, F u G, aħwa B. Ir-rikorrent jikkontendi li zzewweġ lil C B nhar is-27 ta' Frar 2010. Madanakollu jkompli jirrileva illi wara t-twelid tal-ewwel iben u ċjoe' D B nhar il-5 ta' Marzu 2010, il-partijiet isseparaw *de facto* minn xulxin. Għaldaqstant huwa jirrileva illi minkejja l-minuri E, F u G twieldu waqt li kien għadu legalment mizzewweġ lil konvenuta, huma m'humiex l-ulied naturali u bijoloġiċi tiegħu. Sabiex jikkonstata dan, l-attur jipprezenta erba' (4) rapporti ta' testijiet ġenetiċi li jikkonkludu li filwaqt li D B ġie kkonfermat li huwa ibnu naturali, it-tlett (3) minuri l-oħra, ossia E, F u G B, ma humiex l-ulied naturali u bijoloġiċi tal-attur.

Fid-dawl tal-premess, permezz tal-azzjoni odjerna, l-attur A B qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-imsemmija tlett (3) minuri u konsegwentament tgħaddi sabiex tawtorizza l-korrezzjonijiet neċessarji fl-Atti tat-Twelid tagħhom billi l-konnotati tar-rikorrenti jiġu kkanċellati minn fuq l-istess Atti tat-Twelid.

[8] Fol. 41 – 42.
[9] Fol. 52 – 61.
[10] Fol. 49.

2. *Il-Prinċipji Legali:*

In tema legali jingħad illi l-Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li fuqu hija bbazata din il-kawza jipprovdi illi r-raġel jista' jiċħad li jagħraf it-tifel imnissel matul iz-zwieġ:

*"(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-wild, hu kien fl-impossibbiltà fiżika li jgħammar mal-konjuġi li wiled minħabba li kien 'il bogħod mill-imsemmi konjuġi, jew minħabba xi aċċident ieħor; jew*

*(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment separat mill-konjuġi li wiled: Iżda ma jistax jiċħad lill-wild jekk matul dak iż-żmien ikun reġa' ngħaqad mal-konjuġi tiegħu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(ċ) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet waħda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew*

*(e) jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur".*

Illi l-artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, surreferit, għandu jinqara konteswalment ma' l-artikolu 73 tal-istess Kodiċi li jelenka l-perjodu li fih dak il-konjuġi jista' jipprosegwi sabiex jagħmel azzjoni ta' *denegata paternita'*, u ċjoe:

*"(a) fi żmien sitt xhur mit-twelid, jekk il-konjuġi f'dak iż-żmien kien jinsab f'Malta;*

*(b) fi żmien sitt xhur minn dakinhar li jiġi lura f'Malta, jekk fiż-żmien tat-twelid il-konjuġi kien nieqes minn Malta;*

*(ċ) fi żmien sitt xhur minn dakinhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien ġie lilu moħbi".*

Madanakollu, f'kaz li dak il-konjuġi li ma jkunx ipprosegwa bl-azzjoni ta' *denegata paternita'* entro ż-żmien stipulat, ai termini tal-*proviso* tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili, dak il-konjuġi għandu l-fakolta' li jipprezenta rikors quddiem

il-Qorti kompetenti fejn jitlobha l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex ikun jista' jipprosegwi bil-kawza. Dik il-Qorti kkonċernata, jekk ikun possibbli, għandha tisma' lil partijiet interessati u konsegwentament tgħaddi sabiex tqis id-drittijiet tal-applikant u l-wild. Wara li jsir dan l-ezerċizzju, l-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex dak il-konjuġi jkun jista' jintavola l-azzjoni ta' *denegata paternita'*.

Dak il-konjuġi li jkollu interess jintavola azzjoni ta' *denegata paternita'*, konsegwentament għandu, abbazi tal-Artikolu 75 subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili, jimxi legalment kontra: *"(a) kontra t-tifel jekk ikun tal-età; jew (b) jekk ma jkunx tal-età jew għal raġuni oħra ma jkunx tajjeb biex joqgħod f'kawża, kontra kuratur maħtur mill-qorti li quddiemha tinġieb il-kawża: Iżda l-qorti tista' taħtar it-tutur li t-tifel ġa jkollu"*. Madanakollu, subinċiz 2 tal-istess artikolu tal-liġi, jkompli jgħid illi f'kull każ, il-konjuġi l-ieħor għandu jiġi msejjaħ fil-kawża.

F'tali azzjoni, ma jistgħax jonqos li ssir referenza għall-Artikolu 70A sbinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi:

*"Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild: (a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li welled u lill-wild; (b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild; (ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġi u lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."*

3. *L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:*

It-talba tal-attur A B hekk imsejsa fuq l-Artikolu 70 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, hija azzjoni fejn l-attur qiegħed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni ġudizzjali ta' *denagata paternita'*, ċjoe' li l-minuri E, F u G, aħwa B, ma humiex wliedu hekk kif ġie mnizzel fl-Atti tat-Twelid rispettivi tagħhom, izda huma l-ulied ta' terza persuna.

Għal tali talba, l-konvenuta C B, f'isimha proprju u kif ukoll in rapprezentanza tal-minuri E, F u G, aħwa B, fir-risposta ġuramentata tagħha tiddikjara li m'għandha l-ebda oġġezzjoni u tikkonferma li għandhom isiru dawk il-korrezzjonijiet neċessarji fl-Atti tat-Twelid tal-minuri. Madanakollu, toġġezzjona għal kap tal-ispejjez.

Min-naħa l-oħra, l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fir-risposta ġuramentata tiegħu jeċċepixxi numru ta' eċċezzjonijiet preliminari. Fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni, fejn jingħad illi l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat hekk kif jipprovdi Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tara li tali eċċezzjoni ġiet sollevata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, hekk legalment huwa rapprezentat mill-Avukat Ġenerali (illum Avukat tal-Istat), bl-intiza li jikkawtela d-drittijiet tiegħu li jkun jista' jressaq ir-risposta ġuramentata entro t-terminu ta' għoxrin jum skont Artkolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt il-Qorti tevalwa li kieku tali eċċezzjoni da parti d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma ġietx issollevata, l-istess Direttur kien ikun fi stadju ta' kontumaċja, tenut kont illi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġie debitament notifikat bir-rikors promotur nhar it-8 ta' Awwissu 2018,[11] kellu jipprezenta r-risposta ġuramentata sa nhar it-28 ta' Awwissu 2018, izda tali risposta ġiet ipprezentata nhar il-31 ta' Awwissu 2018.[12] Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-issollevar ta' tali eċċezzjoni, il-prezentata tar-risposta ġuramentata, l-fatt li l-avukat rapprezentant tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku deher għall-ewwel dehra, il-posizzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet issanata u b'hekk ma hemmx lok li tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.

Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tad-Direttur konvenut, fejn ġie eċċepit l-minuri D B kif rapprezentat minn ommu C B ma għandux interess ġuridiku f'tali azzjoni, l-Qorti tevalwa li tali eċċezzjoni ġiet sorvolata stante li nhar il-25 ta' Frar 2020 l-attur A B permezz ta' nota, ċeda l-azzjoni limitatament għal dak li jirrigwarda lil minuri Jean Caude B rapprezentat minn C B.

Il-Qorti tevalwa ukoll illi it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tad-Direttur konvenut ġew ukoll sorvolati permezz ta' nota tal-attur ta' nhar il-4 ta' Lulju 2019,[13] fejn fejn l-attur iddikjara li l-azzjoni odjerna qiegħda tiġi msejsa abbazi tal-Artikolu 70 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u *di piu'* rrileva li qabel ma pproċeda bl-azzjoni odjerna huwa akkwista d-debita awtorizzazzjoni ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat 5 ta' Ġunju 2018.[14]

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz odjern, il-Qorti rat l-affidavit ta' Dr Marisa Cassar ipprezentat u debitament maħluf fit-3 ta' Ġunju 2020, fejn ikkonfermat illi wara

[11] Fol. 21.
[12] Fol. 24.
[13] Fol. 41.
[14] Fol. 44 – 45.

li ġabret kampjun orali tal-partijiet, irrizulta illi A B, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija XX hu l-missier naturali ta' D B, izda ma huwiex il-missier naturali ta' E B, F B u G B.[15] Għaldaqstant dan jikkonferma illi is-sitt eċċezzjoni tad-Direttur konvenut ġiet sorvolata ukoll.

Kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra. Barra minn hekk, il-ġiurispreudenza nostrana f'kawzi ta' din ix-xorta dejjem irritenew illi *"Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 70 fuq citat tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti: 1. L-azzjoni promossa mir-ragel tigi istitwita kontra (a) il-mara tieghu (b) u l-wild taghha jew kuratur nominat. 2. Fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jinkixef il-qerq. 3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel."* (ara s-sentenza fl-ismijiet **Simon Agius vs Jacqueline Agius pro et noe**, deċiza nhar il-20 ta' Marzu 2013 mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja, u **Bogdan Tomenchuk vs Daniela Tomechuk et**, deċiza nhar it-12 ta' Diċembru 2019 mill-Qorti tal-Familja, Sezzjoni Familja). Applikati dawk ir-rekwiziti għal kawza odjerna, huwa stat ta' fatt li t-tlett rekwiziti ġew kollha sodisfatti. Għaldaqstant ma jezisti l-ebda dubju li l-attur A B ma huwiex il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri E, F u G B. In vista ta' dan, il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it-talbiet tal-attur.

B'referenza għas-seba' eċċezzjoni tad-Direttur konvenut li titkellem dwar il-pussess ta' stat tal-minuri E, F u G ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jingħad illi *"huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipproteġi l-istat ta' legittima tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben l-istess konjugi"*.[16] Din il-Qorti tirrileva illi l-azzjoni ta' *denagata paternita'* ittentata mill-attur hija waħda minn ħames (5) azzjonijiet permessibbli ai termini tal-liġi u ċjoe' sabiex tiġi attakkata l-paternita' tal-ulied, liema azzjonijiet huma s-segwenti:

(i) Ai termini tal-Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-konjuġi li ma wellidx,

[15] Fol. 52 – 61.
[16] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Carmel sive Charles Gauci vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et**, deċiza nhar it-30 ta' Ġunju 2004.

(ii) Ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni tista' ssir minn min ikollu interess,

(iii) Ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-allegat missier,

(iv) Ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-omm, u

(v) Ai termini tal-Artikolu 84 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-iben innifsu.

A kuntrarju tal-azzjonijiet elenkati f'Artikoli 77 u 77A, dawk l-azzjonijiet imsemmija f'Artikoli 70, 77B u 84 tal-Kodiċi Ċivili, ma humiex subordinati għall-Artikolu 81 li jitratta l-kwistjoni tal-pussess ta' stat. Għaldaqstant, mingħajr ma din il-Qorti tidħol fil-mertu tal-presunzjoni legali tal-pussess ta' stat maħluqa permezz tal-Artikolu 81 tal-Kodiċi Ċivili u r-relevanza tal-istess fil-prezent, din il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, liema artikolu tal-liġi ma huwiex subordinat għall-Artikolu 81, ma hemmx l-obbligu u n-neċċessita' li l-Qorti tevalwa u tikkumenta dwar tali kwistjoni. Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti tiċħad is-seba' (7) eċċezzjoni tad-Direttur konvenut.

Fl-aħħar lok u referibbilment għall-kunjom tal-minuri, b'referenza għat-tmien (8) eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, din il-Qorti tirrileva illi mill-atti tal-kawza odjerna jidher li minkejja li l-partijiet isseparaw minn xulxin, għalkemm ma huwiex magħruf jew ippruvat lil din il-Qorti jekk il-partijiet għadhomx isseparati *de facto* jew inkella humiex fil-prezent isseparati *de jure,* il-konvenuta għadha tuza l-kunjom *'B'* u mhux dak ta' xbubitha *'Sultana'*.[17] Għaldaqstant, din il-Qorti minkejja li għandha l-fakolta' li abbazi tas-subinċiz 8 tal-Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili *"tibdel il-kunjom tal-wild u tad-dixxendenti tiegħu sabiex jirrifletti dak il-kunjom tal-konjuġi l-ieħor biss",* fiċ-ċirkostanzi l-Qorti temmen li jkun idoneju li l-minuri jibqgħu bil-kunjom *'B'* u dan sabiex tissalvagwardja l-interessi tagħhom stess bl-intiza li l-kunjom tal-minuri E, F u G ikun konformi ma' dak tal-konvenuta C B.

**DEĊIDE:**

[17] Skont kif jidher mill-Att taz-Zwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 1038 tas-sena 2010, a fol. 5.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuta C B u dawk tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara illi A B, detentur tal-karta tal-identita' XX, ma huwiex il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri E, F u G, aħwa B;

2. Tilqa' it-tieni talba tal-attur u tordna li għandhom jitħassru d-dettalji tal-attur A B mill-Atti tat-Twelid ta' E B, F B u G B, liema Atti tat-Twelid għandhom in-numru progressiv 2790 tas-sena 2011, 5366 tas-sena 2014, u 5365 tas-sena 2014, rispettivament;

3. Tilqa' it-tielet u r-raba' talba tal-attur u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa dawk il-korrezzjoni neċessarji fl-Att tat-Twelid ta' E B, F B u G B, liema Atti tat-Twelid għandhom in-numru progressiv 2790 tas-sena 2011, 5366 tas-sena 2014, u 5365 tas-sena 2014, rispettivament, b'dana illi l-kunjom tal-minuri mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat jibqa' dak ta' *'B'*; tordna ukoll illi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jara li tali korrezzjoni tkun riflessa fi kwalunkwe att relattiv ieħor tal-minuri E, F u G, aħwa B.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza għandhom ikunu sapportati mill-konvenuta C B.